MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 88/2007

**Falzon Service Station Limited**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u sebgha u hamsin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (LM3,757.24,0), ammont rapprezentanti prezz ta' fuel mibjugh lilha fuq ordnijiet taghha stess skond prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A";**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta , li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 ta' Lulju tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Falzon Service Station Limited bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta Sovereign Hotels Limited.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------